# Santa Katarina f'Ħal Balzan

Carmel Bezzina, BA, MA, MEd (Bristol

Il-qima lejn Santa Katarina ta' Lixandra f'Malta hija assoċjata primarjament mal-irħula taż-Żejtun u ż-Żurrieq. Iżda l-kult ta' din il-qaddisa fil-gżejjer tagħna u l-preżenza tagħha fix-xena tal-arti lokali għandhom firxa ħafna usa'. F'din il-kitba se naraw ir-relazzjoni ta' Santa Katarina mal-parroċċa ta' Ħal Balzan.

## Ftit storja

Santa Katarina ta' Lixandra, li l-festa tagħha ddaħħlet fil-Kalendarju Ruman fis-seklu XIV u hija ċċelebrata fil-Knisja Latina nhar il-25 ta' Novembru, kienet waħda mill-qaddisin l-aktar popolari fil-gżejjer Maltin mill-inqas sa mill-ewwel nofs tas-seklu XV. Fil-fatt, mill-għaxar *cappelle*, jew knejjes b'ħidma parrokkjali, li jissemmew fir-*Rollo*[1] tal-Isqof Senatore De Mello tal-1436, tnejn kienu ddedikati lil Santa Katarina. Dawn huma l-parroċċa taż-Żurrieq u dik tal-irħula li llum jiffurmaw il-parroċċa taż-Żejtun. Fis-seklu ta' wara, mill-Viżta Appostolika ta' Mons. Pietru Dusina fl-1575, insiru nafu li Santa Katarina kellha l-akbar numru ta' knejjes u kappelli ddedikati lilha wara l-Madonna u San Nikola ta' Bari. Dan biex ma nsemmux ukoll l-artali ddedikati lill-qaddisa f'diversi parroċċi. Dan juri biċċar li sat-tieni nofs tas-seklu XVI Santa Katarina ta' Lixandra kienet waħda mill-qaddisin l-aktar importanti f'Malta[2].

It-tagħrif dwar il-ħajja ta' din il-qaddisa tas-seklu IV ġej minn sorsi neqsin mill-valur storiku. Iż-żewġ xogħlijiet li jagħtu tagħrif dwar Santa Katarina huma l-'Conversio' u l-'Passio'. Tal-ewwel jirrakkonta t-twelid irjali tal-qaddisa verġni u ż-żwieġ mistiku tagħha ma' Kristu f'viżjoni ftit wara li tgħammdet; tat-tieni jġib id-diskorsi tagħha mal-filosfi pagani quddiem l-Imperatur f'Lixandra, it-tortura tagħha fuq ir-rota u l-qtugħ ir-ras. Il-'Passio' jagħlaq bl-anġli jġorru l-fdalijiet tagħha lejn il-Muntanja Sinaj. Dawn l-episodji mill-ħajja ta' Santa Katarina xegħlu l-fantasija ta' bosta pitturi u artisti li għanew l-arti sagra b'għadd kbir ta' xogħlijiet, l-aktar fl-epoka Barokka. Fl-ikonografija ta' Santa Katarina, x'aktarx li ż-żewġ episodji minn ħajjitha li huma l-aktar popolari huma ż-żwieġ mistiku tagħha ma' Kristu fl-età ta' tmintax-il sena u l-episodju tat-tortura tal-qaddisa fuq ir-rota u l-martirju tagħha. Dawn iż-żewġ episodji huma s-suġġett taż-żewġ pitturi ta' Santa Katarina li nsibu fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan.

## Iż-Żwieġ Mistiku ta' Santa Katarina

Nibdew bil-kwadru li juri ż-żwieġ mistiku tal-qaddisa, li jinsab fis-sagristija, imsejħa 'l-ġdida', ta' din il-parroċċa. Il-kwadru huwa mdawwar bi prospettiva ta' skultura Barokka ta' sħab u rjus ta' puttini, u fuq nett żewġ anġli li qed iżommu kuruna minquxa wkoll fil-ġebla. Il-prospettiva hija akbar mid-daqs tal-kwadru, u jidher ċar mill-emblemi minquxin fuq il-kuruna li

l-prospettiva kienet maħsuba għal xi kwadru ieħor, x'aktarx tal-Qalb ta' Ġesù.

*Iż-Żwieġ Mistiku ta' Santa Katarina* (156ċm x 117ċm) huwa xogħol attribwit lill-pittur Żebbuġi Pasquale Buhagiar (1648–1698), u għaldaqstant jidħol fil-kuntest storiku-artistiku tat-tieni nofs tas-seklu XVII. Dan ifisser li, kif diġà ssemma, il-kwadru oriġinarjament ma nħadimx għal din is-sagristija billi din is-sagristija tissemma għall-ewwel darba fil-viżta pastorali tal-Isqof Gaspar Gori Mancini tas-16 ta' Mejju 1723.[3] Meta jikteb dwar l-ewwel knisja ta' Santa Marija f'Ħal Balzan, Dun Ġwann Dimech jirreferi għall-viżta pastorali tal-Isqof Tumas Gargallo tal-4 ta' Diċembru 1601 fejn jissemma artal iddedikat lil Santa Katarina ta' Siena. Il-kwadru ta' dan l-artal kien jirrappreżenta ż-żwieġ mistiku ta' Santa Katarina ma' Kristu.[4] Dimech iżid li llum dan il-kwadru qiegħed fis-sagristija tal-knisja parrokkjali.[5] Iżda hawnhekk Dun Ġwann mhuwiex korrett. Jidher li huwa ħallat iż-żewġ qaddisin li jġibu l-istess isem billi t-tnejn li huma għaddew mill-istess esperjenza mistika taż-żwieġ ma' Kristu. Il-kwadru li nsibu fis-sagristija tal-knisja ta' Ħal Balzan huwa ta' Santa Katarina ta' Lixandra, kif diġà semmejna, u mhux ta' Santa Katarina ta' Siena. Barra minn hekk, il-kwadru huwa tat-tieni nofs tas-seklu XVII u għalhekk ma jidħolx fil-kuntest storiku taż-żjara pastorali msemmija (1601).

L-attribuzzjoni ta' dan il-kwadru lil Pasquale Buhagiar kien għamilha l-istudjuż u kritiku tal-arti Keith Sciberras,[6] u ssokta jsaħħaħha Joe P. Borg fl-istudju riċerkat tiegħu dwar Pasquale Buhagiar u xogħlijietu.[7] Il-kwadru għandu kompożizzjoni piramidali bilanċjata ħafna, b'kuluri sbieħ li jagħtuh ċerta vivaċità. Fiċ-ċentru naraw lill-Verġni Marija bilqiegħda żżomm lit-Tfajjel Ġesù fuq riġilha tax-xellug. Fuq in-naħa tal-lemin tal-Verġni naraw lil Santa Katarina bi lbies irjali u b'kuruna fuq rasha, għarkopptejha fuq riġel wieħed, b'idha tax-xellug fuq sidirha, filwaqt li qed tnewwel l-id il-leminija lit-Tfajjel Ġesù inklinat lejha biex ilibbisha ċ-ċurkett taż-żwieġ. Ftit 'il fuq minn ras Katarina naraw kuruna tal-ward miżmuma minn anġlu li jinsab fil-ġenb tal-kwadru fuq wara tal-qaddisa. Dan il-kuntatt bejn it-Tfajjel Ġesù u Katarina huwa bbilanċjat billi l-Verġni Marija qed titfa' ħarsitha lejn ix-xellug tagħha fejn naraw lil Sant'Antnin ta' Padova, liebes l-abitu Franġiskan, għarkupptejh ukoll, b'idejh imsallbin fuq sidru u ħarstu devota lejn il-Verġni Marija. Mixħutin mal-art fil-vojt bejn iż-żewġ qaddisin naraw il-ġilju tas-safa, u qrib Santa Katarina jidhru r-rota u l-palma tal-martirju. Fin-naħa ta' fuq tal-kwadru jidhru xi puttini jħarsu lejn din ix-xena.[8]

## Il-Martirju ta' Santa Katarina

Ngħaddu għat-tieni kwadru ta' Santa Katarina li nsibu fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan. Dan jirrappreżenta l-martirju ta' din il-qaddisa. Dan il-kwadru llum jinsab fis-sala ta' fuq is-sagristija l-qadima iżda fl-imgħoddi, anke sa tmiem is-seklu XIX, il-kwadru kien jinsab x'aktarx fil-fond tal-korsija fuq il-bieb il-kbir tal-knisja minflok l-orgni l-kbir. Kien f'dak iż-żmien li l-orgni kien trasferit mill-kor għall-korsija fejn għadu jinsab sal-lum[9].

*Il-Martirju ta' Santa Katarina* (304ċm x 194ċm) huwa kopja tal-kwadru titulari li nsibu fil-knisja ta' *Santa Caterina d'Italia* fil-Belt Valletta, xogħol il-pittur Kalabriż Mattia Preti (1613–1699). Dan il-pittur kien stabbilixxa ruħu sew fil-kuntest artistiku Malti, fejn kiseb isem kbir bil-pittura tas-saqaf tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann u d-dekorazzjoni tagħha bejn is-snin 1661 u 1666. Il-qaddisa ta' Lixandra jidher li kienet ħafna għal qalb Preti, hekk li f'Malta nsibu erbgħa fost l-aħjar pitturi tiegħu li jittrattaw lil din il-qaddisa.




Pasquale Buhagiar, Iż-Żwieġ Mistiku ta' Santa Katarina,
kwadru fis-sagristija tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan

Minbarra l-kwadru li semmejna f'*Santa Caterina d'Italia*, insibu *Il-Qtugħ ir-Ras ta' Santa Katarina*, li jinsab fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti, *Iż-Żwieġ Mistiku ta' Santa Katarina* fil-kappella tal-Lingwa tal-Italja fil-Konkatidral ta' San Ġwann, u l-kwadru titulari tal-knisja arċipretali taż-Żurrieq li juri *Il-Martirju ta' Santa Katarina fuq ir-Rota*.[10]




**Skola ta' Mattia Preti (Seklu XVIII), Il-Martirju ta' Santa Katarina, kwadru fis-sala tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan**

Skont il-Prof. Keith Sciberras, *Il-Martirju ta' Santa Katarina* li nsibu f'Ħal Balzan huwa xogħol tas-seklu XVIII fl-iskola ta' Mattia Preti.[11] F'Malta Preti rawwem madwaru għadd sabiħ ta' alljevi li kienu jgħinuh u jitħarrġu taħtu. Din biż-żmien żviluppat fl-ewwel *bottega* fl-istorja tal-arti f'pajjiżna. Sciberras jgħid li ftit nafu x'ġara mill-*bottega* ta' Mattia Preti wara mewtu, jekk il-pitturi baqgħux jaħdmu bħala grupp għal xi snin tul is-seklu XVIII jew inkella bdewx jaħdmu għal rashom.[12] Li nafu hu li minn din il-*bottega*, anke fiż-żmien meta Preti kien għadu ħaj, ħarġu diversi kopji ta' pitturi tiegħu li wħud minnhom huma ta' livell għoli u li saru mill-assistenti tiegħu. Dawn kienu jużaw disinji tal-imgħallem tagħhom u jirriproduċu kopji fidili kemm jista' jkun lejn l-oriġinal. Din kienet prattika normali dak iż-żmien, biex min ma setax jakkwista pittura oriġinali ta' Preti seta' għallinqas ikollu kopja fidila tagħha. Bissaħħa t'hekk ukoll l-istil ta' Mattia Preti kiseb aktar popolarità.[13]

*Il-Martirju ta' Santa Katarina* li nsibu fil-knisja ta' *Santa Caterina d'Italia* fil-Belt huwa wieħed mill-kwadri li kienu riprodotti ħafna mill-*bottega* ta' Preti. Żewġ repliki ta' din il-pittura, u tal-istess daqs ukoll, jinsabu waħda f'Pedara fi Sqallija u l-oħra f'Aix-en-Provence fi Franza. F'Malta, għallinqas s'issa, insibu żewġ kopji ta' din il-pittura: il-kwadru titulari tal-knisja arċipretali taż-Żejtun[14] u l-kwadru f'Ħal Balzan.

F'din il-kompożizzjoni, Preti jqiegħed lill-qaddisa żagħżugħa fiċ-ċentru, għarkupptejha fuq il-patibolu, b'ħarsitha 'l fuq lejn is-sema u b'idejha msallbin fuq sidirha bħallikieku qiegħda tħaddan

magħha l-fidi għażiża li tistqarr. Il-figura ta' Katarina hija mdawla, f'kuntrast mal-bqija tal-kwadru li huwa kemxejn imdallam, u hekk joħroġ l-effett tal-*chiaroscuro*, tipiku tal-Caravaggio, pittur li influwenza ħafna lil Mattia Preti meta kien Ruma. Il-bojja jinsab wieqaf ħdejn Katarina, b'ħarstu lejna, filwaqt li qed iħejji biex jislet ix-xabla ħa jaqta' ras il-qaddisa. Mal-patibolu hemm imwaħħla l-kitba tal-kundanna.[15] Fuq il-lemin tal-kwadru, in-naħa t'isfel, naraw tliet nisa bi lbies sabiħ, iħarsu biex jaraw din ix-xena traġika; aktar 'il fuq fl-istess naħa jidhru żewġ anġli jistennew biex jittrasportaw il-ġisem ta' Katarina lejn il-Muntanja Sinaj. Fix-xellug tal-kwadru, in-naħa t'isfel, raġel liebes it-turbant – xhieda tal-influwenza tal-pitturi Venezjani fuq Mattia Preti – bi driegħu 'l fuq, u fid-dell tiegħu, xi ftit mistur, tfajjel ta' karnaġġjon skur. Fuqhom, suldati libsin il-kurazza u l-elmu, u wieħed minnhom qed iżomm it-tarf ta' ħabel li qed jorbot idejn Katarina. Fl-isfond skur tidher tribuna jew tron minn fejn l-Imperatur jidher jiddekreta l-martirju taż-żagħżugħa. Maġenb il-qaddisa nilmħu r-rota miksura li qabel kienu rabtuha magħha biex jittorturawha. Finnaħa ta' fuq tal-kwadru, ftit 'il fuq mill-qaddisa, jidhru jittajru żewġ puttini b'kuruna f'idejhom, simbolu tan-nobbiltà ta' Katarina u tal-martirju li kienet waslet biex tieħu.

Dawn iż-żewġ kwadri ta' Santa Katarina, parti mill-patrimonju tal-parroċċa ta' Ħal Balzan, x'aktarx ftit huma magħrufin, speċjalment dak tal-martirju tagħha li, għalkemm ippreservat tajjeb, mhuwiex aċċessibbli għall-pubbliku. Huma żewġ pitturi li, flimkien mal-kwadru ta' San Pawl l-Eremita, ukoll fl-iskola ta' Mattia Preti, iż-żewġ pitturi ta' Francesco Zahra, u t-tliet pitturi ta' Rokku Buhagiar, li lkoll jinsabu fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan, huma rappreżentattivi tal-kontribut pittoriku Malti tul is-sekli XVII u XVIII.

---

1 It-titlu sħiħ ta' dan ir-Rollo huwa: Anno Domini MCCCCXXXVI: Ordinatus fuit, et est praesens quinterniolus pro concordia taxarum, praecipiente et mandante Reverendissimo Domino Episcopo Senatore. Kien ippubblikat mill-Kommendatur Ġan Franġisk Abela fl-1647 fix-xogħol tiegħu Della Descrittione di Malta, Libro Terzo, pp. 312–316.

2 Ara Mario Buhagiar, ed., St Catherine of Alexandria: Her Churches, Paintings and Statues in the Maltese Islands, Malta: 1979, pp. 62–63.

3 Arkivji tal-Kurja Arċiveskovili (Kanċellerija), Viżta Pastorali Gori Mancini, fol. 385. Ikkwotat minn (Mons. Dun) Ġwann Dimech, Ħal Balzan – Ġrajjietu sa l-1999, Malta: Kunsill Lokali Balzan, 2004, p. 67.

4 Fil-ħajja ta' Santa Katarina ta' Siena (1347–1380) wkoll tissemma l-esperjenza taż-żwieġ mistiku tagħha ma' Kristu li ġrat madwar is-sena 1366. Ara Blessed Raymond of Capua, The Life of St Catherine of Siena, tr. George Lamb, Rockford, Illinois: TAN Books, 2003, pp. 99–101.

5 Dimech, op.cit., p. 35.

6 Il-Prof. Keith Sciberras ra dan il-kwadru meta żar il-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan nhar it-3 ta' Jannar 2011 wara stedina li għamillu l-awtur preżenti.

7 Ara Joe P. Borg, 'Pasquale Buhagiar u x-Xogħlijiet tiegħu', Għaqda Każin Banda San Filep, Ħaż-Żebbuġ – Festa 2012, pp. 165–179.

8 Fl-istudju tiegħu Borg joħroġ ix-xebh bejn id-diversi kwadri li huwa jattribwixxi lil Pasquale Buhagiar. Huwa evidenti x-xebh bejn il-kwadru f'Ħal Balzan u l-ieħor akbar minnu, li wkoll juri ż-Żwieġ Mistiku ta' Santa Katarina, li nsibu fis-sagristija l-qadima tal-knisja arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ. Dan ix-xebh jidher fl-istil tal-uċuħ, fid-drappeġġ tal-figuri, kif ukoll fl-ilwien li juża l-pittur. L-aħmar tal-libsa tal-Madonna u l-ikħal tal-mant tagħha, kif ukoll il-mant irjali safrani fil-kannella ċar ta' Santa Katarina u l-kuruna ta' fuq rasha huma identiċi fiż-żewġ kwadri. Xebh ċar ieħor huwa bejn il-figura ta' Sant'Antnin fil-kwadru ta' Ħal Balzan u l-figura tal-istess qaddis fil-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu fis-sagristija l-qadima tal-istess knisja ta' Ħaż-Żebbuġ. Hjiel tal-figura ta' Sant'Antnin u l-pożizzjoni tiegħu fil-kwadru ta' Ħal Balzan nerġgħu narawh fil-figura ta' San Duminku fil-pittura li tirrappreżenta l-Isem Imqaddes ta' Ġesù, fl-oratorju tal-knisja arċipretali tas-Siġġiewi. Ibid.

9 Ara Carmel Bezzina, Ħal Balzan u l-Lunzjata u kitbiet oħra, Malta: 2011, p. 264, nota 17.

10 Ara Cynthia de Giorgio & Sante Guido, Mattia Preti – St Catherine of Alexandria, Malta: The St John's Co-Cathedral Foundation & Midsea Books Ltd, 2005, pp. 38–45. Ara wkoll Erminia Corace (ed.), Mattia Preti, Rome: Fratelli Palombi Editori, 1989.

11 Dr Keith Sciberras ra dan il-kwadru għall-ewwel darba waqt żjara lill-knisja parrokkjali nhar it-Tnejn, 3 ta' Jannar 2011.

12 Fl-istudju tiegħu dwar l-arti Barokka f'Malta, Dr Keith Sciberras jagħżel bejn xogħlijiet li ħarġu direttament minn idejn Mattia Preti (di sua propria mano) u dawk attribwiti lilu. Fost dawn tal-aħħar insibu x-xogħlijiet li, għalkemm huma ħolqien tal-Preti, saru mill-assistenti tiegħu imbagħad il-Kalabriż kien jagħtihom l-aħħar pinzellati; dawn huma x'aktarx magħrufin bħala xogħol 'Mattia Preti u l-bottega'. Hemm imbagħad dawk li saru mill-bottega ta' Preti, forsi b'xi forma ta' superviżjoni, imma mhux intervent, min-naħa tiegħu, u għalhekk jissejħu 'xogħol il-bottega ta' Mattia Preti'. Fl-aħħar nett hemm dawk il-pitturi li saru mis-segwaċi ta' Preti mingħajr l-ebda għajnuna min-naħa tiegħu. Ara Keith Sciberras, 'The bottega of Mattia Preti and Giuseppe D'Arena', Baroque Painting in Malta, Malta: Midsea Books, 2009, pp. 165 u 190.

13 Ibid., pp. 190–193.

14 Ibid., p. 191. L-istoriku Żejtuni Dun Joe Abela, waqt li jikkwota mir-reġistru tal-kontijiet fl-Arkivju Parrokkjali taż-Żejtun, jgħid li dan il-kwadru titulari huwa xogħol (Giovanni) Antonio Mamo fis-sena 1729, għalkemm iżid ukoll li hawn min għandu opinjoni differenti. Ara Id., Il-Parroċċa taż-Żejtun tul iż-Żminijiet, Malta: Klabb Kotba Maltin, 2006, p. 109.

15 Il-kopista li pitter il-kwadru titulari taż-Żejtun dan id-dettall ħallieh barra.